



**PARLAMENT EWROPEW**

**2009 - 2014**

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

**2010/2311(INI)**

28.3.2011

# **EMENDI**

## **1 - 14**

**Abbozz ta' opinjoni  
Luis de Grandes Pascual  
(PE460.613v01-00)**

dwar il-linjal politika tal-UE kontra t-terroriżmu: il-kisbiet ewlenin u l-isfidi tal-futur  
(2010/2311(INI))

AM\_Com\_NonLegOpinion

**Emenda 1**  
**Françoise Castex**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 1 a (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

*1a. Jiddispjaċih li ntilfet l-opportunità  
biex jiġi spjegat b'liema mod ċerti  
strumenti tal-UE kontra t-terroriżmu,  
bħaż-żamma tad-data, ir-reġistru tal-  
ismijiet tal-passiġġieri (PNR) u l-Ftehim  
Swift, jintegraw ruħhom fl-istratēġija  
kontra t-terroriżmu tal-Unjoni Ewropea;*

Or. en

**Emenda 2**  
**Françoise Castex**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 2**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

2. Iqis id-deċiżjoni li jiġu approfonditi u  
żviluppati l-erba' oqsma ewlenin tal-  
istratēġija kontra t-terroriżmu –  
prevenzjoni, protezzjoni, inseguiment u  
rispons – bħala waħda tajba;

2. Iqis id-deċiżjoni li jiġu approfonditi u  
żviluppati l-erba' oqsma ewlenin tal-  
istratēġija kontra t-terroriżmu –  
prevenzjoni, protezzjoni, inseguiment u  
rispons – bħala waħda tajba; *jistaqsi lili  
nnifsu fl-istess ħin jekk il-forom differenti  
ta' terroriżmu, bħat-terroriżmu organizzat  
u l-persuni li joperaw waħedhom ma  
jeħtiġux approċċi speċifiċi;*

Or. en

**Emenda 3**  
**Françoise Castex**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 4**

*Abbozz ta' opinjoni*

4. Jinsab imħasseb dwar id-dewmien fl-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Qafas 2002/475/ĠAI u jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Qafas 2008/919/ĠAI *li d-data finali għat-traspożizzjoni tagħha kienet id-9 ta' Diċembru 2010; iqis li huwa kruċjali li l-Istati Membri jittrasponu u jimplimentaw b'mod effettiv il-leġiżlazzjoni kontra t-terroriżmu adottata fil-livell tl-Unjoni;*

*Emenda*

**4. *Huwa konxju mill-fatt li l-miżuri kollha li jwasslu għal proċediment ġudizzjarju jistgħu fl-istess ħin ikunu miżuri preventivi u għalhekk jinsab imħasseb dwar id-dewmien fl-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Qafas 2002/475/ĠAI u jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Qafas 2008/919/ĠAI. Jenfasizza madankollu li l-miżuri preventivi, partikolarment dawk intiżi li jipprev jenu r-radikalizzazzjoni u r-reklutament, għandhom imorru lil hinn u jippromwovu d-djalogu u l-inklużjoni soċjali, pjuttost milli l-istigmatizzazzjoni, u jistgħu jfittxu l-kooperazzjoni ma' proġetti soċjali u tas-soċjetà ċivili, kemm fl-Istati Membri kif ukoll barra mill-Unjoni Ewropea;***

Or. en

**Emenda 4**

Raffaele Baldassarre

**Abbozz ta' opinjoni  
Paragrafu 4 a (ġidid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

**4a. *Jilqa' favorevolment l-introduzzjoni, min-naħħa ta' bosta Stati Membri, ta' artikoli speċifiċi fil-kodiċijiet kriminali li jikkundannaw l-atti terroristiċi u li jintroduċu pieni eħrext għall-azzjonijiet marbuta mat-terroriżmu; jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw il-punibilità tal-gruppi terroristiċi u tal-attivitàiet tagħhom, inklużi l-iskambji ta' informazzjoni b'konformità mad-Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI;***

Or. it

**Emenda 5**  
**Raffaele Baldassarre**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 4 b (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

*4b. Jiddeplora l-fatt fil-Mediterran ma teżistix struttura ekwivalenti għall-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, li fi ħdanha l-gvernijiet ikunu jistgħu jiddiskutu dwar kwistjonijiet u strateġiji marbuta mas-sigurtà u mal-prevenzjoni tat-terroriżmu; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jikkunsidraw l-ipoteżi li tinħoloq struttura ekwivalenti fī ħdan l-Unjoni għall-Mediterran;*

Or. it

**Emenda 6**  
**Raffaele Baldassarre**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 4 c (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

*4c. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jinċentivaw forom ta' kundizzjonalità pożittiva u negattiva fil-konfront ta' gvernijiet nazzjonali, regionali u lokali, f'każ li dawn ma jikkollaborawx b'mod effikaċi fil-ġlied kontra l-attivitàajiet terroristiċi; jistieden lill-Kummissjoni tivverifika l-implementazzjoni korretta tal-miżuri msemmija hawn fuq u tinforma regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'dan ir-rigward;*

Or. it

**Emenda 7**  
**Françoise Castex**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 5**

*Abbozz ta' opinjoni*

5. Iqis li t-terroriżmu huwa fenomenu li qed jevolvi b'mod kostanti u li għandu jiġi ffaċċejat permezz ta' politika kontra t-terroriżmu li tista' tindirizza dan il-fatt; jilqa' f'dan ir-rigward il-miżuri adottati reċentement fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni, **kemm** fil-verifika tal-merkanzija **kif ukoll fis-sistemi ta' skrijning tal-passiġġieri;**

*Emenda*

5. Iqis li t-terroriżmu huwa fenomenu li qed jevolvi b'mod kostanti u li għandu jiġi ffaċċejat permezz ta' politika kontra t-terroriżmu li tista' tindirizza dan il-fatt; jilqa' f'dan ir-rigward il-miżuri adottati reċentement fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni fil-verifika tal-merkanzija.

*Jistieden lill-Kummissjoni taċċerta ruħha li l-ipproċessar tad-data tar-registratu tal-ismijiet tal-passiġġieri, kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi terzi, ikun konformi mar-regoli tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni tad-data u li l-introduzzjoni tal-body scanners tirrispetta d-drittijiet individwali u ma tikkawżax danni lis-saħħa;*

Or. en

**Emenda 8**  
**Luis de Grandes Pascual**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 5 a (għid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

**5a.** *Iqis barra minn hekk li sejkun dejjem meħtieġ li jinstab l-aħjar bilanċ bejn l-obbligu tal-awtoritajiet pubbliċi, f'livell tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri, li jiġu garantiti l-ħarsien minn korimenti u s-sigurtà taċ-ċittadini kif ukoll is-salvagwardja tad-drittijiet individwali ta' dawn tal-aħħar;*

Or. es

**Emenda 9**  
**Françoise Castex**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 6**

*Abbozz ta' opinjoni*

6. Ifakkar fir-rwol importanti li għandu l-Parlament fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u attivitajiet b'rabta ma' dan, bħall-iffinanzjar tat-terroriżmu; *iheġġegħ lill-Kummissjoni tintroduċi mill-iktar fis-miżuri amministrattivi fir-rigward tal-ifriżar tal-assi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u attivitajiet b'rabta ma' dan;*

*Emenda*

6. Ifakkar fir-rwol importanti li għandu l-Parlament fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u attivitajiet b'rabta ma' dan, bħall-iffinanzjar tat-terroriżmu; *ikun jilqa' favorevolment l-introduzzjoni ta' miżuri amministrattivi fir-rigward tal-ifriżar tal-assi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u attivitajiet b'rabta ma' dan; iheġġegħ lill-Kummissjoni tiċċara r-rwol ta' ċerti strumenti għall-ġlieda kontra t-terroriżmu (żamma tad-data, reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri - PNR, Ftehim TFTP bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika);*

Or. en

**Emenda 10**  
**Luis de Grandes Pascual**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 6 a (ġidid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

*6a. Jitlob ukoll li l-miżuri kontra t-terroriżmu jqisu l-prinċipju ta' proporzjonalità u jirrispettaw id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini u li l-miżuri kollha ta' dan it-tip ikunu konformi mal-liġi u mal-Istat tad-dritt;*

Or. es

**Emenda 11**  
**Françoise Castex**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 6 a (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

*6a. Jistieden lill-Kummissjoni tindika fliema każijiet il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi mhijiex konformi mal-acquis u tispeċifika r-raġuni għaliex jeħtieġ immorru lil hinn;*

Or. en

**Emenda 12**  
**Luis de Grandes Pascual**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 7 a (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

*7a. Jistieden lill-parlamenti nazzjonali biex f'ġieħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà, jipparteċipaw b'mod attiv fir-rigward taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-evalwazzjoni tal-implementazzjoni tal-politiki tal-Unjoni kontra t-terroriżmu, konformement mal-Artikolu 70 tat-TFUE; iqis barra minn hekk li dawn għandhom ukoll ikunu involuti fil-kontroll politiku tal-Europol u fl-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-Eurojust, f'konformità mal-Artikolu 12(c) tal-TUE;*

Or. es

**Emenda 13**  
**Françoise Castex**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 7 a (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

*7a. Jistieden lill-Kummissjoni, lir-Rapreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u lill-Kunsill jimplimentaw malajr l-arranġamenti relatati mal-klawżola ta' solidarjetà introdotta permezz tat-Trattat ta' Lisbona;*

Or. en

**Emenda 14**  
**Luis de Grandes Pascual**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 7 b (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

*7b. Jitlob valutazzjoni aktar preċiża tal-miżuri digħi adottati fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, li tkun tiġbor fha wkoll id-drittijiet fundamentali u l-aspetti tal-baġit;*

Or. es